# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 9 ta' April, 2024.**

**Numru 9**

**Rikors numru 710/12/3 TA**

**Charles u Carmen konjuġi Azzopardi**

**v.**

**J.C.R. Limited (C-6029)**

**Il-Qorti:**

1. L-Atturi ordnaw it-tqegħid ta' membrejn likwidu għat-terrazzin madwar il-pixxina u fuq il-bejt tal-fond tagħhom ġewwa l-Mellieħa. Jidher li x-xogħol ma tax ir-riżultat mixtieq peress illi rriżulta li tfaċċaw diversi boċċi fil-membrejn, u għalkemm saru xi xogħlijiet rimedjali, il-membrejn baqa' ma ġiex tajjeb. Jidher li x-xogħol sar minn ċertu Leli Mifsud ("Leli"), li kien inkarigat mill-atturi, b'materjal fornut mill-konvenuta. Billi qatt ma

ntlaħaq ftehim bejn il-partijiet, l-atturi kellhom jiftħu din il-kawża.

2. L-atturi talbu lill-Qorti sabiex:

(i). Tiddikjara illi l-membrejn likwidu supplit u mqiegħed mill-konvenuta fil-fond tal-atturi 13, Pixxispada, J. Kepler Street, Mellieħa ma kienx tal-kwalità miftiehma u/jew kienet affetta minn difetti moħbija tali li kieku l-atturi kienu jafu bihom ma kinux jixtruh.

(ii). Tħassar il-kuntratt li permezz tiegħu ġie supplit il-membrejn inkwistjoni u tordna r-reintegrazzjoni tar-rikorrenti fil-mument li kienu jinsabu qabel ma ġie konkluż il-kuntratt.

(iii). Alternattivament tiddikjara li x-xogħlijiet imwettqa mill-konvenuta ma kinux skont is-sengħa u l-arti u huma tali li jistgħu jiġu rifjutati mill-atturi.

(iv). Tiddikjara konsegwentement għat-talba numru 3 li l-konvenuta kkaġunatilhom danni meta naqset li jadempixxu fedelment l-obbligi tagħha; tillikwida l-istess danni; u tordna l-ħlas tal-istess bl-imgħaxijiet mid-data tal-preżentata tar-rikors ġuramentat.

(v). F'każ li jirriżulta li l-konvenuta kienet taf bid-difetti msemmija

qabel ma tqiegħed il-membrejn likwidu fil-post, tikkundannaha tħallas kull dannu ulterjuri permissibbli skont il-liġi.

3. Il-konvenuta eċċepiet:

(i) L-atturi jridu jiċċaraw l-azzjoni konfuża tagħhom u jispeċifikaw liema azzjoni qiegħdin jeżerċitaw bil-kawża minhom promossa, u ċjoè waħda mis-segwenti:

a) azzjoni bbażata fuq il-garanzija tal-bejgħ, senjatament dik bażata fuq difetti okkulti.

b) azzjoni bbażata fuq kwalità mhux pattwita.

ċ) azzjoni bbażata fuq kuntratt ta' appalt allegatament konkluż bejn il-kontendenti.

Fi kwalunkwe każ huwa paċifiku li l-azzjonijiet fuq indikati, kollha msemmija fil-kawża attriċi, ma jistgħux jiġu promossi kumulattivament.

(ii). Mingħajr preġudizzju għas-suespost:

a) għal dak li jirrigwarda l-azzjoni bbażata fuq difetti okkulti t-talba attriċi hija perenta *ai termini* tal-Artikolu 1431 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

b) għal dak li jirrigwarda l-azzjoni attriċi bbażata fuq nuqqas ta' kwalità pattwita l-azzjoni hija perenta *ai termini* tal-Artikolu 1407 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta; u

ċ) għal dak li jirrigwarda l-azzjoni attriċi bbażata fuq l-appalt l-azzjoni hija preskritta *a tenur* tal-Artikolu 2149 (a) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

(iii). L-eċċipjenti biegħet biss membrejn likwidu lill-atturi, u mhuwiex minnu li hija ħadet ħsieb l-installazzjoni tal-istess membrejn likwidu jew tapit artifiċjali għal madwar il-pixxina. Għaldaqstant it-talbiet attriċi kollha msejsa fuq il-kuntratt ta' appalt għandhom jiġu mill-ewwel miċħuda.

(iv). Lanqas ma huwa minnu li l-eċċipjenti esegwiet xogħlijiet ta' tiswija kif allegat mill-atturi.

(v). Mhuwiex minnu li l-membrejn likwidu kellu difetti moħbija. Fi kwalunkwe każ jispetta lill-atturi jressqu prova konklussiva tal-allegati difetti.

(vi). Jekk ix-xogħlijiet ta' tqegħid tal-membrejn likwidu ma sarx skont is-sengħa u l-arti żgur li ma taħti xejn is-soċjetà esponenti, li kif rajna ma kellha assolutament xejn x'taqsam mal-applikazzjoni tal-istess membrejn likwidu. Fil-fatt ir-rapport tal-Perit Ruben Sciortino eżebit bħala Dok. B maċ-ċitazzjoni attriċi jgħid espressament illi l-problemi li rriżultaw fil-membrejn setgħu rriżultaw minn "*bad workmanship* (*bad mixing and laying*)".

(vii). Dwar l-allegata defiċjenza fil-kwalità miftiehma, l-atturi għandhom l-ewwel jispeċifikaw fuq liema kwalità mwiegħda qiegħdin isejsu t-talba tagħhom. Mal-akkwist tal-membrejn likwidu (u saħansitra anke meta saritilhom l-istima relattiva) l-atturi kienu fil-pussess tat-*technical specification sheet* relattiva.

(viii). L-eċċipjenti ma tista' taħt l-ebda ċirkustanza tiġi legalment ikkundannata tħallas danni lill-atturi.

(ix). Fi kwalunkwe każ, l-atturi għandhom jippruvaw id-danni li allegatament sofrew.

4. L-Ewwel Qorti tat sentenza *in parte*, li ġiet appellata. Din il-Qorti, b'sentenza tat-28 ta' Novembru 2021, iddeċidiet li:

> "14. L-azzjoni attriċi, li f'dan in-negozju għandha l-vesti ta' konsumatur, tista', għalhekk, timxi fuq il-binari tal-Att Dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, u jrid issa jiġi deċiż jekk id-difetti riskontrati humiex riżultat ta' nuqqasijiet fil-prodott, kif jallegaw l-atturi, jew ta' *bad workmanship*, kif issostni s-soċjeta` konvenuta. Dan għad ma ġiex mistħarreġ mill-ewwel Qorti, u l-atti jridu jiġu rinvjati lilha biex tistħarreġ u tiddeċiedi fuq dan il-punt.
>
> 15. Din il-Qorti trid tirrileva, pero`, li taqbel mal-konklużjoni tal-ewwel Qorti li min wettaq ix-xogħol kien imqabbad mill-atturi. Il-ħaddiem stess xehed li huwa ġie inkarigat iwettaq ix-xogħol mill-atturi, u l-provi jissostanzjaw dan. *Del resto*, l-atturi ma ressqu ebda aggravju kontra din il-konklużjoni tal-ewwel Qorti".

Kif ukoll illi:

> "…Tiċħad l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tas-soċjeta` konvenuta nklużi dawk ta' preskrizzjoni, tiddikjara li l-azzjoni attriċi hija bbażata fuq l-Att Dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur u tibgħat l-atti lura lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili biex din tiddeċiedi l-każ fuq il-mertu".

5. B'sentenza finali tagħha tas-27 ta' Ġunju 2023, il-Prim'Awla ddeċidiet li:

> "**Tilqa' l-ewwel talba** limitatament kif fuq spjegat.
>
> **Tilqa' t-tieni talbiet Attriċi** u ai fini ta' reintegrazzjoni qed tordna lis-Soċjeta' konvenuta trodd lura kull flejjes li ħallsu l-Atturi u cioe' s-somma ta' disat elef tlett mija u sebgħa u għoxrin ewro (€9327) (a fol. 30 sa 41) bl-imgħaxijiet legali mill-presenti sal pagament effettiv.
>
> **Tiċħad** il-bqija tat-talbiet Attriċi.
>
> Spejjes jibqgħu mingħajr taxxa bejn il-partijiet".

6. Wara li kkunsidrat li ġej dwar ir-responsabilità tal-konvenuta:

"**4.** Minn dan isegwi li l-prezz imħallas lis-Soċjeta' konvenuta mill-Attriċi kien għall-materjal fornut biss u mhux għat-tqegħid tal-materjal u għall-esekuzzjoni tax-xogħol magħmul mill-imsemmi Leli Mifsud. Dan tal-aħħar meta ġie inkarigat mill-Atturi inzerta li kien diġa' qiegħed jagħmel xi xogħolijiet fir-residenza. Jidher ukoll li kien bniedem affidabbli u jixhed li għalkemm qabditu l-Attriċi pero' "....imma bil-kunsens tas-Sinjur ghax jaf li naf naghmlu." (a' fol 54). Din ir-referenza kontinwa ta' dan ix-xhud għall- fatt li x-xogħol għamlu bil-kunsens tas-sinjur tagħti kredenza qawwija dak li isostni l-Attriċi li meta staqsiet lil Charles Attard min ser jagħmel ix-xogħol "Qalli halli f'idejja, qalli issa inqabbdek lil xi hadd espert..." (a' fol 29b) u ġie wieħed jismu Leli (ibid). Dan Leli jgħid ukoll, li kemm-il darba ħadem għall-Atturi u li qatt ma kellu problemi magħhom. (a' fol 54). Dan ix-xhud jispjega li hu mexa "Esatt kif qalli s-Sinjur hallatu jien" b'referenza għall- komponenti tal-materjal użat u saħansitra jirrakonta b'dettal x'qallu li għandu jagħmel is-Sinjur (a' fol 54 u a' fol 55). Jgħid ukoll li dan ix-xogħol kien xeba' jagħmlu u qatt ma kellu problem (a' fol 55).

**5.** Dan ix-xhud jgħid ukoll li s-supplier kien jiġi jara x-xogħol. Għaraf ukoll lil Nenu fl-awla b'referenza għal Carmel Attard ir-rappresentant tas- Soċjeta' konvenuta. Kien dan li qallu kif iħalltu (a' fol 52). Din il-parti tax- xhieda ta' dan ix-xhud hija korroborata mill-Attriċi meta tixhed li rat lil Karmenu "Jitkellem mieghu, ifehmu kif jaghmlu". (a' fol 29b).

**6.** Min-naħa tagħha l-Attriċi tixhed li wara tlett ġimgħat meta telgħet fuq il-bejt bdiet tara xi bżieżaq. Informat lis-Soċjeta' konvenuta u ġew wara xi tlett ġimgħat biex jirrimedjaw. (a fol. 29c). Meta sar il-patching kien hemm Karmenu presenti (a' fol 29d). Dwar il-formazzjoni ta' dawn il-bżieżaq l- imsemmi Leli Mifsud, fil-waqt li jikkorobora x-xhieda tal-Attriċi huwa aktar grafiku meta jispjega hekk kif mar fuq il-post "Sibtu qed itella' l- bzieqzaq u minn taht tard jitfarrak u mort insaqsi lis-sinjur u qalli ....ha ntik ftit materjal, xtrajt ftit materjal u mort nirringah. Ergajt qlajtu fejn inqala' u mort biex nirrinangah. Irrangajtu u rega' baqa' tiela', baqa' jinqala'." Jikkonferma li beda jinqala' kullimkien u iktar ma jgħaddi ż-żmien iktar beda jitfarrak u jinqala' (a' fol 52). Qal li l-imsemmi Carmel Atttard qallu li kien ħadmu ħażin. Ix-xhud jesklama "...xbajt naghmlu dan ix-xoghol ! Issa hdimtu hazin Jien!?" (a' fol 53). Bil-pulit kien qiegħed jifhem li s-Soċjeta' konvenuta kienet qed titfa' kull responsabbilta' fuqu. Mir-ritratti esebiti jidher ċar li t-tqegħid ta' dan il-membrejn ma kienx ta r-risultat mixtieq u li tassew kien kollu ħsara mal-bejt kollu.

**7.** L-invoices kollha jindikaw żewġ affarijiet li ħlas sar għall-materjal biss u li di piu' huwa verosimili li x-xogħol sar fl-eqqel tas-sajf (a' fol 30 sa 41). Mill-product data sheet tal-prodott jirrisulta li l-materjal kien maħdum fit-3 ta' Awwissu 2006 (a' fol 42). Il-materjal mibjugħ kien jikkonsisti f'taħlita li jidher li kienet għadha trid issir ta' żewġ komponenti

bi proċess kif jispeċifika l-manwal rilaxxat mill-fornitur (a' fol 45). F'dan il-manwal hemm imniżżel li "Non esporre prima dell-utilizzo il materiale al sole nelle Stagioni calde" u fejn hemm it-titolu ta' Stoccaggio hemm il-kundizzjoni "6 mesi in luogo asciutto".

**8.** Meta l-Qorti fliet sewwwa kif ġraw l-eventi tifhem, għalfejn il-Perit Reuben Sciortino wasal fost oħrajn għal dawn il-konklużjonijiet:

> *"The result of such extents of the membrejn damage is due to either*
>
> *a. Bad workmanship (bad mixing and laying)*
>
> *b. The product had expired prior to being laid on site."* (Ara a' fol 7 u dokumenti a' fol 8 sa 12).

**9.** Ir-rapport ta' dan il-Perit ġie kkontestat b'rapport tal-Perit David Pace (a' fol 220). B'dana kollu, fl-apprezzament tal-fatti li jemerġu minn din il-kawża, il-Qorti waslet għall-konklużjoni li fuq il-preponderanza tal-provi u bilanċ ta' probbabilitajiet, li dak li ġara kienet il-fatt li t-tqegħid tal-materjal sar fis-sajf abbinat ma' din iċ-ċirkostanza, difett fil-materjal fih innifsu. Għall-fatt li dan il-materjal tqiegħed fis-sajf hija s-Soċeta' konvenuta li għandha twieġeb, għaliex hemm ċar fil-manwal li dan il-perjodu għandu jkun evitat u għaliex wara kollox kienet hi li dderiġiet lill-ħaddiem bil-metodu kif kellu jitqiegħed, tant li rriżulta li l-imsemmi Charles Attard kien mar fuq il-post biex jara x-xogħol. Għalkemm huwa minnu li l-klijent ikollu l-manwal, ġaladarba s-Soċjeta' konvenuta daħlet biex tissorvelja x-xogħolijiet hi ukoll kienet taf x'jgħid dak il-manwal. Jgħid x'jgħid ir-rapport tal-Perit David Pace, Charles Attard li huwa midħla sew tal-prodott kien jaf bl-ambjenti ta' fejn kellu jitqiegħed dan il-materjal".

7. Il-konvenuta appellat mis-sentenza tal-Ewwel Qorti tas-27 ta' Ġunju 2023 b'dawn l-aggravji:

8. Hija ma qablitx mal-konstatazzjonijiet ta' fatt li waslet għalihom l-Ewwel Qorti li:

(i). Il-konvenuta ssorveljat l-eżekuzzjoni tax-xogħol *i.e.* l-applikazzjoni tal-prodott.

(ii). Il-materjal ma kellux jiġi utilizzat fis-sajf.

(iii). Kien hemm difett fil-materjal fih innifsu.

(iv). Il-prodott kien skada qabel ma ntuża.

U lmentat li l-Ewwel Qorti:

(v). Injorat il-fatturi esterni li wasslu għall-problemi li nqalgħu u li l-konvenuta ma taħti xejn għalihom.

(vi). Għamlet enfasi fuq xhieda ta' Carmen Azzopardi meta ntwera li ma kellhiex tiġi emmnuta.

Ikkunsidrat:

9. Fis-sena 2008 l-atturi kienu qegħdin jibnu d-dar tagħhom. L-attriċi marret għand il-konvenuta biex tixtri l-membrejn u *waterproofing* għall-bejt u d-*deck area* madwar il-pixxina. Tkellmet ma' Carmel Attard ("Nenu"). Dak iż-żmien Leli kien qiegħed jagħmlilha xogħol ieħor fl-istess dar. Staqsietu kellux persuna li taf tapplika l-prodott. Kien jaf Leli, kien qiegħed jaħdem għandha u weġibha li dak kien jaf japplikah. Leli xehed li fil-fatt hu kien ħadem b'dan il-prodott kemm-il darba.

10. Nenu ta lill-attriċi l-*instruction sheet* dwar il-prodott u rrakkomandalha tkellem lill-perit tagħha qabel tapplika l-prodott. Talbitu jispjega lil Leli kif jaħdem b'dan il-prodott u aċċetta. Xi jiem wara wasslilha l-prodott id-dar u spjega lil Leli kif juża l-prodott.

11. Leli jgħid qara l-*instruction sheet*. Nenu spjegalu kif jagħmel it-taħlita. Leli ġibed l-attenzjoni ta' Nenu li l-art kienet lixxa. Nenu qallu biex inaddafha tajjeb, jaħsilha, iħalliha tinxef, japplika kisja, iwaħħal magħha x-xibka tan-*nylon*, u jagħtiha kisja oħra fuqha l-għada biex tkun laħqet nixfet. Fehemu wkoll kif kellu japplika ż-żebgħa permezz ta' passata nofsha bis-*sealer*. Dawn l-istruzzjonijiet kienu l-istess bħalma hemm fuq l-*instruction sheet*. Leli jgħid li segwa dawn l-istruzzjonijiet.

12. Fi ftit ġimgħat bdew jidhru xquq u boċċi fejn ġie applikat il-prodott. Leli mar għand Nenu li biegħlu xi materjal biex iraqqa' bih u qallu li kien għamel xogħol ħażin.

13. Lill-konvenuta, l-attriċi ħallsitha l-prezz tal-prodott biss. Lil Leli qabbditu l-attriċi, li rrifjutat li tħallsu ta' xogħlhu minħabba d-difetti.

14. Il-Perit Ruben Sciortino, imqabbad mill-atturi, aċċeda fuq il-post fit-3 ta' Awwissu 2011 u ħareġ rapport fil-11 ta' Awwissu 2011 li jgħid li l-

ħsara seħħet minħabba waħda minn tlett raġunijiet: (i) xogħol ħażin (*bad mixing and laying*); (ii) il-prodott kien skadut qabel ma ntuża; (iii) il-membrejn ma kienx addattat għall-post (*reacts with chlorine and/or the sun*).

15. Il-Perit David Pace, fuq inkarigu tal-konvenuta, aċċeda fuq il-post fis-27 ta' Settembru 2011 u għamel rapport iddettaljat li fih ikkonkluda li l-ħsara seħħet minħabba xogħol ħażin applikat fuq wiċċ tal-konkrit difettuż. Irrelata li x-xibka tpoġġiet qrib iżżejjed tal-qiegħ u kien għalhekk li daħlet l-arja u żviluppaw il-boċċi tal-arja. Fuq wiċċ il-konkrit li fuqu ġie applikat il-prodott kien hemm siment niexef, possibilment poġġut waqt il-*power floating* fuq il-konkrit frisk, li weħel mal-prodott u beda jinqala' miegħu. Il-passati tal-prodotti kienu rqaq iżżejjed. Fil-*pool deck*, it-tapit tat-terf sintetiku twaħħal ħażin; daħal il-ħmieġ bejnu u bejn il-prodott u dan ikkontribwixxa wkoll għad-deterjorazzjoni. Ma sar l-ebda kontroeżami lill-Perit Pace.

Ikkunsidrat:

16. L-Ewwel Qorti kkonkludiet "fuq il-preponderanza tal-provi u bilanċ ta' probabilitajiet" li l-prodott kien difettuż fih innifsu. Għalkemm sabet li l-prodott kien difettuż, ma tgħidx għaliex.

17. La l-Perit Sciortino u lanqas il-Perit Pace ma eżaminaw il-prodott innifsu u għalhekk ma ġiet provduta l-ebda relazzjoni xjentifika dwar il-konsistenza tiegħu.

18. Kif diġà ngħad, il-Perit Sciortino jissuġġerixxi żewġ possibilitajiet l-għala l-prodott kien difettuż: (i) kien skadut (ii) ma kienx tajjeb biex jintuża fejn il-*pool* minħabba l-*chlorine*. Dwar fattur numru (i): Ir-raba' aggravju hu li m'hemm l-ebda prova li l-prodott kien skadut. Dan huwa minnu. Partikolarment, ma tgħidx li kien skadut. Jidher iżda li kienet qiegħda tistrieħ fuq ir-rapport tal-Perit Sciortino. Huwa jaċċenna għall-**possibilità** li l-prodott kien skadut, mingħajr iżda ma jiddikjara li l-prodott kien tassew skadut. Dwar fattur numru (ii): Għalkemm il-Perit Sciortino jindika li l-materjal seta' ma kienx addatat għall-użu viċin il-*chlorine*, jagħmel dan bħala **sempliċi possibilità** u mhux bħala stat ta' fatt minnu kkonstatat.

19. Fil-fehma ta' din il-Qorti, ma kien hemm l-ebda prova, la teknika u lanqas ċirkostanzjali, li setgħet raġonevolment twassal lill-Ewwel Qorti biex tikkonkludi li l-materjal kien difettuż.

20. It-tielet aggravju – li ma nġabitx prova li l-materjal kien difettuż qiegħed jiġi milqugħ; kif ukoll qiegħed jiġi milqugħ ir-raba' aggravju – li m'hemm l-ebda prova li l-prodott kien skadut – fil-limitu ta' dak li din il-Qorti għadha kif irrimarkat.

21. L-Ewwel Qorti sabet li l-prodott ma kellux jiġi applikat fis-sajf. Dan il-punt qatt ma ġie mqanqal mill-atturi. Lanqas tqanqal bħala waħda mill-kawżi possibbli tal-ħsara mill-Perit Sciortino. Fuq id-*data sheet* tal-prodott hemm miktub "*Non esporre prima dell'utilizzo il materiale al sole nelle stagioni calde*". Li jfisser li l-prodott m'għandux jiġi espost għax-xemx **qabel** jiġi applikat, u **mhux waqt** l-applikazzjoni tiegħu.

22. Għalhekk it-tieni aggravju - li ma hemm l-ebda prova li l-prodott ma kellux jiġi applikat fis-sajf - qiegħed jiġi milqugħ.

23. L-Ewwel Qorti sabet li "ġaladarba s-soċjetà konvenuta daħlet biex tissorvelja x-xogħlijiet hi wkoll kienet taf x'jgħid dak il-manwal". Dan, il-Qorti qalitu f'paragrafu 9 tas-sentenza b'riferenza għall-fatt li x-xogħol sar fis-sajf, u mhux b'riferenza għax-xogħol in ġenerali.

Fl-ewwel aggravju tagħha, il-konvenuta tisħaq li hija m'obbligatx ruħha li tissorvelja x-xogħlijiet.

24. Il-konvenuta obbligat ruħha li tagħti l-istruzzjonijiet dwar kif kellu jiġi applikat il-prodott li kienet qiegħda tbigħ. Struzzjonijiet li mhemmx dubju illi fil-fatt tat lill-persuna mqabbda mill-konsumatur. Li turi lil persuna kif għandha taħdem ma jfissirx li tissorvelja x-xogħol. Il-liġi tal-konsumatur

stess tagħraf dan.

25. Art. 73(7) tal-Kap 378 jgħid li:

> "Kwalunkwe nuqqas ta' konformita` li jirriżulta mill-istallazzjoni ħażina tal-oġġetti għandu jitqies bħala nuqqas ta' konformita tal-oġġetti jekk:
>
> (a) l-istallazzjoni tifforma parti mill-kuntratt tal-bejgħ u tkun saret mill-bejjiegħ jew taħt is-superviżjoni tiegħu; jew
>
> (b) l-istallazzjoni, maħsuba biex titwettaq mill-konsumatur, tkun saret mill-konsumatur u l-istallazzjoni ħażina kienet dovuta għal **nuqqasijiet fl-istruzzjonijiet**[1] għall-istallazzjoni pprovduti mill-bejjiegħ..."

26. Il-liġi tal-Konsumatur hawnhekk tagħmel distinzjoni bejn meta l-installazzjoni ssir taħt is-superviżjoni tal-bejjiegħ (para (a)) u meta ssir mill-konsumatur taħt l-istruzzjonijiet tal-bejjiegħ (para (b)). Il-każ preżenti jaqa' taħt para (b). Kien il-konsumatur (anke jekk *tramitè* persuna mqabbda minnu) li kellu jagħmel l-installazzjoni. Il-konvenuta bħala bejjiegħ obbligat ruħha biss li tagħti l-istruzzjonijiet dwar kif kellu jiġi applikat il-prodott. Dejjem taħt para. (b), il-liġi tobbliga lill-bejjiegħ **li jagħti struzzjonijiet tajbin** u żżommu responsabbli biss <u>kemm-il darba jagħti struzzjonijiet ħżiena jew mhux adegwati.</u> Ma tobbligahx li jagħmel sorveljanza. Wara kollox, hawn il-liġi qiegħda titkellem fuq xogħol li jagħmel il-konsumatur innifsu. Ma hemm l-ebda prova; anzi, lanqas hemm allegazzjoni, li l-konvenuta tat struzzjonijiet żbaljati. Tant li fir-Risposta tal-Appell tagħhom (Paġna 2) l-atturi, wara li jiċċitaw l-Art. 73,

[1] Enfasi miżjuda minn din il-Qorti.

ma jgħidux li l-konvenuta tat struzzjonijiet żbaljati, imma jgħidu biss li: "huwa ċar li s-soċjetà appellanti ma għamlet xejn biex tipprova tara li min kien qiegħed jagħmel ix-xogħol kienx qiegħed isegwi l-istruzzjonijiet preċiżi li kienet tagħtu".

27. L-ewwel aggravju qiegħed jiġi milqugħ fis-sens fuq spjegat.

28. Il-ħames aggravju hu li l-Ewwel Qorti injorat ir-rapport tal-Perit Pace li jattribwixxi d-difetti għal *bad workmanship*. Proprjament dak li għamlet il-Qorti hu li attribwiet id-difetti in parti għall-materjal difettuż. Aċċettat ukoll li kien hemm ċertu *bad workmanship* iżda xeħtet it-tort fuq il-konvenuta minħabba nuqqas ta' sorveljanza, kif fuq spjegat. Dan l-aggravju qiegħed jiġi milqugħ f'dan is-sens.

29. Is-sitt aggravju huwa li l-Qorti ma kellhiex tistrieħ fuq ix-xhieda tal-attriċi billi kien hemm għadd ta' inkonsistenzi fix-xhieda tagħha. Din il-Qorti taqbel li kien hemm inkonsistenzi fix-xhieda tal-attriċi, u li mhix fededenja.

***Decide***

30. Għal dawn il-motivi, din il-Qorti tilqa' l-aggravji fil-limiti ta' kif spjegat f'din is-sentenza, tħassar is-sentenza tal-Ewwel Qorti u minflok tiċħad it-

talbiet attriċi.  Spejjeż taż-żewġt istanzi a karigu tal-atturi.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef | Grazio Mercieca<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm